**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 655/1994**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Angelo Xuereb**
**(ID: 494652M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Angelo Xuereb**:

A. Talli bhala kandidat ghall-Kunsill Lokali tan-Naxxar ghall-elezzjoni li saret fit-22 ta' Jannar, 1994, xjentement, hallas kontra l-ligi, somma jew ghamel spiza sew qabel, matul jew wara l-elezzjoni, ghall-elezzjoni jew ghat-tmexxija jew direzzjoni ta' dik l-elezzjoni, liema somma jew spiza kienet izjed minn hames mitt liri Maltin (Lm500) jew ghaxar centezmi (10c) ghal kull elettur registrat fil-lokalità li ghaliha kkontesta, skont liema hi l-oghla;

B. Talli b'korruzzjoni, fis-16 ta' Dicembru, 1993 u fl-14 ta' Jannar, 1994, hu nnifsu jew bil-mezz ta' persuni ohra, qabel, matul jew wara elezzjoni, direttament jew indirettament, ta jew ipprovda, jew hallas l-ispiza kollha jew bicca mill-ispiza biex jinghata jew jigi pprovdut ikel, xorb, trattament jew provizjon lil persuni jew ghal xi persuni, bil-hsieb li b'korruzzjoni jinfluwixxi fuq dawk il-persuni jew fuq persuni ohra biex jaghtu jew biex ma jaghtux il-vot taghhom f'elezzjoni, jew minhabba li dawk il-persuni jew persuni ohra jkunu taw jew ma jkunux taw il-vot, jew minhabba li jkunu sejrin jivvotaw jew sejrin ma jivvotawx f'elezzjoni;

C. Talli bhala kandidat ghall-Kunsill Lokali tan-Naxxar, fi zmien sittin gurnata wara l-hrug fil-Gazzetta tar-rizultat tal-elezzjoni li saret fit-22 ta' Jannar, 1994, naqas milli jibghat lill-Kummissjonarju rapport iffirmat minnu tal-ispejjez elettorali tieghu bil-partikolaritajiet imsemmijin fit-Tlettax-il Skeda mar-regolamenti li jinsabu fit-Tielet Skeda mal-Att XV tal-1993 dwar l-Elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali li jkun fih iddikjarati l-hlasijiet kollha maghmulin minnu jew minn persuni ohra f'ismu jew fl-interess tieghu, ghal spejjez li saru ghall-elezzjoni, jew ghat-tmexxija jew direzzjoni tal-elezzjoni u li jkun fih iddikjarat kull dejn iehor li jkun ghadu mhux imhallas, dwar dawk l-ispejjez li hu jkun jaf bih;

D. Talli bhala kandidat ghall-Kunsill Lokali tan-Naxxar ghall-elezzjoni li saret fit-22 ta' Jannar, 1994, xjentement qal il-falz fid-dikjarazzjoni mehtiega fir-regolament 101 dwar l-ispejjez elettorali tar-regolamenti li jinsabu fit-Tielet Skeda mal-Att XV tal-1993 dwar l-Elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali;

E. Talli fid-29 ta' Marzu, 1994, huwa halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament b'dan li l-gurament kien mehtieg mil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef Emeritus Dr. Silvio Camilleri datat 26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Ottubru 2005;

Rat illi din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2017;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Jannar 1995 (a fol. 6) sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2018 id-difiza eccepiet illi l-imputazzjonijiet illum il-gurnata huma preskritti;

Rat in-Nota tal-imputat rigward l-istess eccezzjoni;

Rat in-Nota responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat illi din il-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi mic-citazzjoni jirrizulta illi l-imputat jinsab akkuzat dwar reati li allegatament sehhew fit-**22 ta' Jannar 1994**.

Illi ghalkemm ma hemmx esebita l-ewwel riferta tal-imputat jirrizulta illi l-istess imputat deher ghall-ewwel seduta tal-24 ta' Jannar 1995, f'liema seduta tressqu ammont ta' provi.

Minn dak imnizzel fil-verbal sussegwenti jirrizulta illi l-kawza bdiet tigi differita peress li kien hemm "kawza kostituzzjonali pendenti". Jirrizulta li l-kawza baqghet tigi differita peress li kien hemm din il-kawza pendenti sas-26 ta' Ottubru 2000 wara liema l-kawza thalliet ghall-provi tal-Prosekuzzjoni, liema provi baqghu qatt ma gew prodotti sakemm il-Qorti, diversament presjeduta, **iddifferiet il-kawza *sine die* fl-1 ta' Frar 2002** wara li ddikjarat li kien jidher li l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex interess fil-kawza (verbal a fol. 84).

Mill-atti jirrizulta illi din il-kawza regghet **giet rikjamata fit-3 ta' Mejju 2002** fejn instemghu xi xhieda u sussegwentement gew prodotti xi xhieda ohra sakemm fl-**10 ta' Ottubru 2005 il-Qorti, diversament presjeduta, regghet**

**iddifferiet il-kawza *sine die*** stante li ma baqghux jingiebu provi mill-Prosekuzzjoni.

Illi jirrizulta illi wara li din il-Qorti irriappuntat il-kawza, l-imputat deher l-ewwel darba quddiemha fis-27 ta' Gunju 2018. Kwindi bejn l-ahhar darba li deher l-imputat quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u cioè fl-10 ta' Ottubru 2005, sa l-ewwel darba li l-imputat deher quddiem din il-Qorti ghaddew kwazi tlettax-il sena.

Illi necessarjament il-Qorti se tqis il-pieni dwar l-imputazzjonijiet kollha hekk kif kienu fiz-zmien tat-twettiq tal-allegati reati u cioè:

**L-ewwel imputazzjoni** tirrigwarda r-reat ai termini tar-Regolament 107 elenkat fit-Tielet Skeda tal-Att XV tal-1993 (Att dwar il-Kunsilli Lokali). Dan ir-reat kien igorr mieghu piena massima ta' **multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)** ai termini ta' Regolament 103 tal-istess Skeda.

**It-tieni imputazzjoni** tirrigwarda r-reat ai termini tar-Regolament 97 elenkat fit-Tielet Skeda tal-Att XV tal-1993 (Att dwar il-Kunsilli Lokali). Dan ir-reat kien igorr mieghu piena massima ta' **multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)** ai termini ta' Regolament 103 tal-istess Skeda.

**It-tielet imputazzjoni** tirrigwarda r-reat ai termini tar-Regolament 101 elenkat fit-Tielet Skeda tal-Att XV tal-1993 (Att dwar il-Kunsilli Lokali). Dan ir-reat kien igorr mieghu piena massima ta' **multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)** ai termini ta' Regolament 103 tal-istess Skeda.

**Ir-raba' imputazzjoni** tirrigwarda r-reat ai termini tar-Regolament 108 elenkat fit-Tielet Skeda tal-Att XV tal-1993 (Att dwar il-Kunsilli Lokali). Dan ir-reat kien igorr mieghu piena massima **ta' multa ta' elf lira Maltin (Lm1000) jew massimu ta' sitt xhur prigunerija jew it-tnejn flimkien.**

**Il-hames imputazzjoni** tirrigwarda r-reat ai termini tar-Regolament 101 (3) elenkat fit-Tielet Skeda tal-Att XV tal-1993 (Att dwar il-Kunsilli Lokali). Dan ir-reat kien igorr mieghu piena massima ta' **multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)** ai termini ta' Regolament 103 tal-istess Skeda.

Illi ghalhekk filwqt li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni huma punibbli b'massimu ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ir-raba'

imputazzjoni ggorr maghha piena massima ta' elf lira Maltin (Lm1000) jew massimu ta' sitt xhur prigunerija jew it-tnejn flimkien.

Illi ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali, l-preskrizzjoni ghal reati puniti b'multa hija dik ta' sentejn, filwaqt li l-istess artikolu japplika wkoll ghal reati puniti b'sitt (6) xhur prigunerija.

Illi jirrizulta illi permezz tal-Att III tal-2002 saret emenda f'artikolu 687 (2) tal-Kodici Kriminali u dan rigward l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li stabbiliet illi ***"iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li l-imputazzjoni u, jew att ta' akkuza, jigu notifikati lill-persuna akkuzta jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata s-sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu nbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza."*** Qabel tali zieda kien applikabbli biss l-artiklu 693 tal-Kodici Kriminali li fis-subartikolu (1) jipprovdi ***"Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-procediment li jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat."***

Illi ghalhekk tqum il-kwistjoni dwar liema ligi ghandha tigi applikata fil-kaz odjern. Dik li kienet *in vigore* fiz-zmien tar-reat jew kif giet sussegwentement emendata bl-Att III tal-2002?

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu dwar Procedura Kriminali jghid is-segwenti dwar sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn l-azzjoni bdiet taht ligi wahda u tterminata meta ligi gdida tkun dahlet fis-sehh:

***"The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances i.e.:***

***(1) That the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;***
***(2) That nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant."***

Rigward l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jghid illi:

"*In order that the acts of the proceedings may interrupt prescription it is necessary that they be served on the person charged or accused. Service is effected by delivering the act to the person himself or, where he cannot easily be found, by leaving the act at his usual place of abode (sec. 374). In Criminal Appeal Police vs Schembri, 20/9/1930 (Mercieca C.J.) Law*

*Reports XXVII, Pt. Iv, p. 822, it is stated as follows: 'As the law requires for the interruption of prescription the service of the act of the proceedings, all oral notices of the adjournment of the case do not avail for the purpose. In order that the adjournment of the case as an act of the proceedings may have the effect of interrupting prescription in regard to the offence charged against the accused, it is necessary that he shall be served with a written copy of the order of adjournment. A mere notice will not be sufficient.' This principle was also applied by Harding J. in Criminal Appeal Police vs Darmanin 22/7/46 where it was stated: 'The running of prescription is interrupted by an act of the proceedings served on the accused. But apart from adjournments made "seduta stante" it is necessary that the act of the proceedings whereby the case is adjourned shall be served on the accused by means of a written copy. A proces verbal in the record of the proceedings is not sufficient" (Vide also Cr. App. Police vs Bigeni, 16/12/46 and Cr. App. Police vs Vella 9/5/1931 – L.R. Vol. XXVIII, P. iv)."*

Illi mill-atti jirrizulta ampjament car illi ghal kwazi ben tlettax-il sena l-imputat ma gie notifikat bl-ebda att li seta' jikser il-perjodu preskrittiv. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputazzjonijiet kollha huma preskritti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tiddikjara illi l-azzjoni ghall-imputazzjonjiet kollha fil-konfront ta' **Angelo Xuereb** giet preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur